# GĦAQDA ĦBIEB IL-KAPPELLI MALTIN

PO Box 17, Qormi QRM 1000, Malta
e-mail: kappellimaltihbieb@gmail.com
Facebook: Hbieb il-Kappelli Maltin

Novembru 2021 Ħarġa Nru 16

Kumitat 2020

President

Adrian Schinas

Viċi-President

Valent Xuereb

Segretarju

Leonard Agius

Asst. Segretarju u PRO

Norbert Gingell

**Teżorier**

Godfrey Mangion

**Assistent Teżorier**

Angele Xuereb

## WERREJ

Pġ 1

Restawr ta' kappelli fil-Gudja u f'Ħal Għaerħur

Pġ 3

K appelli ddedikati lil Sidna Ġesu Kristu (l-aħħar parti)

## EDITORJAL

*Għeżież Membri u Ħbieb,*

Bi pjaċir erġajna ltqajna meta l-Ħadd 17 t'Ottubru żammejna d-drawwa li f'Ottubru nibdew l-attivitajiet tagħna b'quddiesa. Din inżammet fil-Knisja tar-Ragħaj it-Tajjeb (Bon Pastur) f'Ħal Balzan. Wara ltqajna soċjalment biex ħadna t-te /kaffe u pastizzi fil-każin ta' Balzan Youths. Dwar din il-ħarġa, l-istorja tal knisja, u ritratti relevanti, nippubblikawhom fil-ħarġa ta' Diċembru.

F'din il- ħarġa tal-fuljett, qed nagħtu nformazzjoni dwar restawr li sar u tlesta fil-kappelli ta' Santa Katerina fil-Gudja, kif ukoll f' dawk taż-Żellieqa u ta' Bernarda fil-Għargħur.

Fl-aħħar parti ntemmu l-artiklu tas-sur Anthony Brincat dwar kappelli ddedikati lil Sidna Ġesù Kristu.

N. Gingell
*Għal Kumitat*

## RESTAWR TA' KAPPELLI FIL-GUDJA U F' ĦAL GĦARGĦUR

### SANTA KATARINA, GUDJA



Bħala Għaqda li nħobbu l-wirt reliġjuż li ħallewna missirijietna permezz ta' kappelli u knejjes oħra, ma nistawx ma nifirħux meta xi kappella tiġi restawrata u kkonservata fil-glorja tagħha.

Għalhekk nieħdu pjaċir naqraw u naraw li l-kappella medjevali ta' **Santa Katarina fil-Gudja** ġiet restawrata. U l-aktar meta ħadmu fiha studenti li qed isegwu l-kors fid-*Diploma in Masonry Heritage Skills* fi ħdan id-Dipartiment tal-Inġinerija u Trasport fil-Kulleġġ Malti għax -Xjenza u Teknoloġija .

Din il-kappella tmur lura għas-sena 1631 u l-istruttura tagħha tirrappreżenta xempju tal-arkitettura ekklesjastika tas-seklu 17 , b'korsija waħda u artal ewlieni. Dokumenti juru li kien hemm kappella oħra qabel fl-istess sit, li tmur lura għas-sena 1562.

Kien il-Kappillan stess li stieden lid-Dipartiment sabiex jirrestawra l-kappella, liema talba ntlaqet mill-ewwel, għax dan ix-xogħol kien se joffri lil istudenti esperjenza utli u prattika għal-istudji tagħhom.

... / 2

## RESTAWR TA’ KAPPELLI FIL-GUDJA U ĦAL GĦARGĦUR



Ix-Ixogħol kien jinvolvi restawr tas-saqaf minn barra, il-ħitan ta’ barra u minn ġewwa, u tbiddlu l-aperturi u affarijiet oħra li kienu mkissra. Il-prodott finali naraw f’dawn iż-żewġ ritratti.

Verament dawn l-istudenti ħaqqhom prosit kbira għad-dedikazzjoni, xogħol tajjeb u ta’ professjonalita li għamlu.

*Informazzjoni u ritratti: Midja Soċjali*

### TAŻ - ŻELLIEQA U TA’ BERNARDA, ĦAL GĦARGĦUR

Il-Knisja Maltija ħabbret li tlesta x-xogħol ta’ restawr u konservazzjoni fuq żewġ kappelli ddedikati lil Marija Assunta, magħrufa bħala ‘taż-Żellieqa’ u ‘ta’ Bernarda’, żewġ kappelli tas-seklu 17 li jinsabu f’Ħal Għargħur. Dan sar mill-Fondazzjoni għall-Patrimonju Kulturali tal-Arċidjoċesi ta’ Malta, b’kofinanzjament ta’ 80% minn fondi tal-Unjoni Ewropea.



Iż-żewġ kappelli sarilhom xogħol ta’ restawr estensiv minn barra u minn ġewwa minħabba d-deterjorazzjoni matul is-snin.

Fil-Kappella taż-Żellieqa, li tinsab fil-periferija ta’ Ħal Għargħur u tħares fuq Wied il-Faħam sar ukoll l-irranġar taz-Zuntier.



Fil-każ tal-Kappella ‘ ta’ Bernarda ‘, li tinsab f’waħda mit-toroq dojoq u antiki tar-raħal, saru mill-ġdid sistema ta’ dawl u awdjo biex il-kappella tkun tista’ taqdi aħjar il-ħtiġijiet tal-komunità.

Il-parroċċa ħadet l-opportunità tirrestawra minn flusha l-inkwadru titulari tal-kappella taż-Żellieqa li juri t-Tlugħ tal-Verġni Marija fis-Sema. Aktar ’il quddiem hu ppjanat li jiġu rrestawrati wkoll iż - żewġ pitturi li jinsabu fl-istess kappella .



*Informazzjoni u ritratti : Knisja.mt*

# KAPPELLI DDEDIKATI LIL SIDNA ĠESÙ KRISTU

**Kitba ta' Anthony Brincat** *it-tielet parti*

Wieħed mill-isbaħ oratorji li għandna f'Malta huwa dak tas-Santissimu Sagrament li jinsab ħdejn il-Parroċċa tal-Porto Salvo u San Duminku fil-Belt Valletta. Dan tieħu ħsiebu l-Arċikonfraternita tas-Sagrament. Huwa mżejjen b'titular ta' Mattia Preti li juri l-Aħħar Ikla ta' Ġesù mal-Appostli u t-Twaqqif tal-Ewkaristija. Dan jinsab imdawwar minn reredos skolpit fil-ġebel u ndurat. Hemm pitturi oħra ta' Giuseppe d'Arena u Salvatore Barbara waqt li Alessio Erardi pitter is-suffitt. Hemm ukoll statwi skolpiti fil-ġebel ta' Appostli u Evanġelisti. Fil-jiem tal-Ġimgħa Mqaddsa fl-oratorju tintrama rappreżentazzjoni tal-Aħħar Ikla magħmula minn ikel li wara jitqassam lill-fqar.

Fil-Belt Valletta ukoll ħdejn il-Knisja ta' Maria ta' Ġesù magħrufa bħala ta' Ġieżu hemm l-oratorju tal-Arċikonfraternita tas-Santissimu Kurċifiss. Dan l-oratorju huwa ddedikat lid-Depożizzjoni ta' Kristu minn fuq is-salib u l-kwadru huwa xogħol ta' Gian Nicola Buħagiar. Hemm ukoll erba' kwadri oħra ta' Giuseppe d'Arena li juru episodji mill-passjoni ta' Kristu.

Oratorju sabiħ ieħor iddedikat lill-Ewkaristija huwa dak li jinsab maġenb il-Parroċċa ta' Santa Katerina fiż-Żejtun. Inbena fl-1743 u fih ħafna xogħol irfinut ta' skultura fil-ġebla Maltija. Fih ukoll hemm kwadru titolari li juri l-Aħħar Ikla, xogħol ta' Rocco Buhagiar u sett kwadri oħra ta' Francesco Zahra.

F'Ħal Għaxaq, fil-Gżira, fiż-Żejtun, ir-Raħal Ġdid, u fix-Xagħra fil-ħara ta' Għajn Xibla nsibu erba' kappelli ddedikati lil Ġesù Redentur jew in-Nażżarenu. Dawn ukoll mhumhiex antiki u nbnew fis-sekli dsatax u għoxrin. Dik ta' Ħal Għaxaq li hija magħrufa wkoll bħala ta' **Santu Kristu** għandha storja kurjuża marbuta magħha. Jingħad li fl-1808 Mikiel Anġ Zammit miż-Żurrieq kien għaddej minn dawk l-inħawi riekeb fuq iż-żiemel. Dan sfratta u Zammit spiċċa mal-art. B'ħajr talli ma sofra l-ebda ġrieħi bena niċċa u fiha qiegħed statwa ta' Kristu mgħobbi bis-salib, li nħadmet minn Pietru Pawl Azzopardi. Din bdiet tiġbed ħafna devozzjoni tant li fl-1852 il-qassis Ġużepp Demicoli bena l-kappella li naraw illum u fuq l-altar qiegħed l-istess statwa tar-Redentur f'niċċa.. Fuq il-bieb hemm irħama li tgħid li fl-1860 il-Papa Piju IX ta indulġenzi lil min iżur il-kappella. Il-kappelli tar-Raħal Ġdid u l-Gżira nbnew minn familji privati fil-bidu tas-seklu għoxrin.

Il-knisja tan-Nażżarenu li hemm f'Għajn Xibla fix-Xagħra nbniet fl-1908 u tixbaħ ħafna knejjes li naraw fi Sqallija, speċjalment f'Modica u Ragusa. Fiha xogħol sabiħ fil-ġebla Maltija u fiha wkoll pitturi xogħol ta' Lazzaro Pisani, Virgilio Monti, Giuseppe Calì u Ġanni Vella.

Il-knisja tan-Nażżarenu li hemm fiż-Żejtun tagħmel parti mill-Istitut li kienet bniet Giuseppina Curmi biex tieħu ħsieb tfal orfni. F'din il-knisja jinsab midfun l-Isqof Emanuele Galea li kien benefattur kbir ta' dan l-Istitut u li wkoll għamel żmien twil jgħix hemmehkk..

Il-kappella tas-Sagramentini li hemm fil-Belt Valletta fi Triq Kristofru hija ddedikata lill-Ewkaristija u fiha ssir l-Adorazzjoni Perpetwa tas-Sagrament mis-sorijiet Franġiskani. Din saret hekk fl-1923 fuq xewqa tal-Isqof Mawru Caruana. Hija kappella li hija ħafna għall-qalb tal-Beltin li flimkien mas-sorijiet iqattgħu ftit ħin ta' kwiet, talb, ġabra u adorazzjoni lejn Ġesù fl-Ewkaristija li huwa waqqaf biex jibqa' dejjem fostna.

Kappella oħra qadima hija dik li hija ddedikata lit-Twelid ta' Ġesù u San Nikola li hemm fir-Rabat u li hija magħrufa wkoll bħala Tax-Xerri jew tad-Dejr għax tinsab proprju ħdejn l-Abbatija tad-Dejr. Ma nafux għaliex jidħol San Nikola fid-dedika tagħha. Tissejjaħ Tax-Xerri għax bnieha Gregorio Xerri f'nofs is-seklu sittax. Fl-1626 il-Barunissa Imperia Xerri waqqfet il-benefizzju anness magħha. Din il-kappella hija pjuttost żgħira b'forma rettangolari b'saqaf ċatt magħmul minn xorok imqiegħda fuq ħnejjiet li huma ftit għall-ponta. Għamlet żmien twil mitluqa iżda f'dawn l-aħħar snin sar ir-restawr tagħha.

Wieħed ma jridx jinsa wkoll il-kappella ddedikata lit-Trasfigurazzjoni li tinsab fil-Fortizza tas-Salvatur qrib il-Kalkara li llum tinsab abbandunata u nofsha mġarrfa.

Hekk mela dorna dawra mal-kappelli li jinsabu fil-Gżejjer Maltin, xhieda tad-devozzjoni li niesna dejjem kellhom lejn Sidna Ġesù Kristu, l-Iben t'Alla u s-Salvatur Tagħna.

TMIEM



Zejtun — Kappella tas-Salvatur, il-faċċata riċentament restawrata



Qrendi — Kappella tat-Trasfigurazzjoni, jew Tas- Salvatur









Lija — Kappella tat-Trasfigurazzjoni, jew Tas-Salvatur,



Kalkara — Kappella tat-Trasfigurazzjoni, jew Tas- Salvatur







Gzira - Kappella tar-Redentur

Paola - tan-Nazzarenu









Għaxaq / Gudja— *kappella ta' Santu* Kristu



Xagħra, Għawdex - Kappella tar-Redentur



Zejtun—Kappella tal-Isititut tan-Nazzarenu






Rabat— Kappella tat-*Twelid ta'* **Ġ**esu u San






Valletta - Orotorju tas-SS Sagrament, tad — Dumnikani

Zejtun - Orotorju tal-Ewkaristija / SS Sagrament




*Ritratti: Anthony M Brincat, Louis Fenech, N Gingell, Michael Debono*